MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2007

Numru 898/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Portelli**
**v**

**OMISSIS**
**OMISSIS**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **OMISSIS U OMISSIS** gew mressqa quddiemha akkuzati talli fil-Qrendi nhar s-sitta ta' Jannar 2006 u fil-gimghat ta' wara voluntarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, u cioe ghamlu hsara fuq zewg statwi ta' dniefen, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin izda ma teccedix l-hames mitt lira maltin had-dannu tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-kunsens tal-Avukat Generali markat bhala dokument CSH 4 [fol 6] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputati, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputati nhar s-sbatax ta' Jannar 2007, jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali u dan meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 9 u 10].

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sbatax ta' Jannar 2007 ghal akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbhom t-tnejn hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li ser ghamlu tajjeb ghal hsarat kagjonati minnhom u lil prosekuzzjoni tiddikjara li s-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kien infurmah li ma kellux pretenzjonjijiet ulterjuri fil-konfront tal-imputati odjerni stante li hallsu ghal hsarat kagjonati minnhom.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-fedina penali tal-imputati esibiti bhala dokumenti CSH 2 u CSH 3 [fol 4 u 5] tal-atti, dawn huma nodfa u minghajr ebda kontravenzjoni jew reat registrat fuqhom u ghalhekk ghandhom t-tnejn jitqiesu bhala *a first time offenders*.

In oltre il-Qorti qiset l-fatt li z-zewg imputati ikkolloboraw bis-shih mal-prosekuzzjoni u li rregistraw ammissjoni.

Il-Qorti qiset wkoll l-fatt li l-imputat **OMISSIS** kien minuri meta kkommetta r-reat in kwistjoni.

Ghaldaqstant **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 37 u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib liz-zewg imputati OMISSIS u OMISSIS hatja tal-akkuzi kollha kif minnhom ammessi u tiddecidi li tilliberhom bil-kondizzjoni li ma jghamlux reat iehor ghal perjodu ta' sentejn [2] mill-lum ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputati u x'jigri jekk jonqsu li josservawha u l-imputati ddikjaraw li fehmu ben tajjeb.**

**<u>Il-Qorti tordna li l-isem u l-konnotati kollha tal-imputati minuri f'dawn il-proceduri m'ghandhomx jigu pubblikati fuq il-mezzi kollha tax-xandir.</u>**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------